DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-24 ta' Lulju 2014

li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 92/260/KEE fir-rigward tal-ammissjoni temporanja ta' żwiemel reġistrati mill-Kosta Rika u tad-Deċiżjoni 2004/211/KE fir-rigward tal-entrati għall-Brażil u l-Kosta Rika fil-lista ta' pajjiżi terzi u partijiet minnhom li minnhom hija awtorizzata l-importazzjoni fl-Unjoni ta' *equidae* ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina

(notifikata bid-dokument C(2014) 5166)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/501/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(1) tad-Direttiva 90/425/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3)(a) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) u (4), il-punt (a) tal-Artikolu 15, l-Artikolu 16(2), u l-frażi introduttorja u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/156/KE tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' ekwidi ħajjin fl-Unjoni. Dik id-Direttiva tistipula, fost l-oħrajn, li l-importazzjonijiet ta' ekwidi fl-Unjoni huma awtorizzati biss minn pajjiżi terzi li ilhom sentejn ħielsa mill-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela, u li ilhom sitt xhur ħielsa mill-glanders.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE ([3]) tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni veterinarja biex jitħallew jidħlu b'mod temporanju fl-Unjoni żwiemel irreġistrati għal perjodu ta' inqas minn 90 jum minn pajjiżi terzi assenjati lil gruppi sanitarji speċifiċi, kif stabbilit fl-Anness I tal-istess Deċiżjoni.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE ([4]) tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi u partijiet mit-territorji tagħhom li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul temporanju ta' żwiemel irreġistrati, id-dħul mill-ġdid ta' żwiemel irreġistrati wara esportazzjoni temporanja, u l-importazzjoni ta' ekwidi rreġistrati u ta' ekwidi għat-tgħammir u l-produzzjoni, u tistipula l-kundizzjonijiet għall-importazzjoni ta' ekwidi minn pajjiżi terzi.

(4) Iż-żona Metropolitana ta' San José f'Kosta Rika hija elenkata fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, għall-kompetizzjoni u għal okkażjonijiet kulturali wara l-esportazzjoni temporanja għal perjodu ta' mhux iktar minn 30 jum, skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/195/KEE ([5]).

(5) L-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela ġiet irrappurtata l-aħħar darba fil-Kosta Rika f'Awwissu 2012, f'Alajuela, xi 20 km 'il bogħod minn San José, u f'Novembru 2012 f'Guanacaste, fil-Majjistral tal-pajjiż, xi 200 km 'il bogħod minn San José.– Iż-żewġ tifqigħat ġew ikkontrollati bit-tilqim. Skont rapporti uffiċċjali, it-tifqigħat ma laqtux iż-żona Metropolitana ta' San José. Għaldaqstant, huwa possibbli li jitħalla perjodu limitat ta' żmien għall-ammissjoni temporanja ta' żwiemel irreġistrati minn dik il-parti tat-territorju tal-Kosta Rika, żwiemel li jkunu ikkwalifikaw għall-Kompetizzjoni Ekwestri Dinjija fi Franza. Madankollu, billi dawk iż-żwiemel jitħarrġu għar-reżistenza

([1]) ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.
([2]) ĠU L 192, 23.7.2010, p. 1.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE tal-10 ta' April 1992 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa ta' annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għal dħul temporanju ta' żwiemel irreġistrati (ĠU L 130, 15.5.1992, p. 67).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijoni tal-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet Nru 93/195/KEE u 94/63/KE (ĠU L 73, 11.3.2004, p. 1).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/195/KEE tat-2 ta' Frar 1993 dwar is-saħħa tal-annimali u l-kundizzjonijiet tagħhom u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja tagħhom għad-dħul mill-ġdid ta' żwiemel reġistrati għat-tiġrija, kompetizzjoni u okkażjonijiet kulturali wara esportazzjoni temporanja (ĠU L 86, 6.4.1993, p. 1).

fl-apert, jixraq li jiġi ssostanzjat in-nuqqas ta' infezzjoni f'dawk iż-żwiemel imlaqqma permezz ta' ttestjar addizzjonali għall-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela u li tkun meħtieġa protezzjoni minn insetti vetturi miż-żmien wara li l-kampjuni jkunu ttieħdu għat-testijiet meħtieġa sa ma ssir it-tagħbija.

(6) L-istomatite vexxikulari okkorriet tul l-aħħar sitt xhur fil-Kosta Rika. Jixraq għalhekk li n-nuqqas tal-infessjoni f'dawk iż-żwiemel jiġi ssostanzjat b'testijiet obbligatorja għall-istomatite vexxikulari.

(7) Għalhekk jeħtieġ li tiġi adattata l-lista tal-pajjiżi terzi fl-Anness I tad-Deċiżjoni 92/260/KEE, sabiex tinkludi rekwiżit għall-ittestjar għall-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela fl-Anness (II)D, u li tiġi emendata l-entrata għall-Kosta Rika fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE.

(8) B'ittra tal-4 ta' Lulju 2014, il-Brażil informa lill-Kummissjoni li l-istati ta' Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Mato Grosso do Sul, Goiás, Distrito Federal u Rio de Janeiro ilhom sitt xhur ħielsa mill-glanders.

(9) L-entrata għal dak ir-reġjun tal-Brażil fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(10) L-Annessi I u II(D) tad-Deċiżjoni 92/260/KEE u l-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u III(D) tad-Deċiżjoni 92/260/KEE huma b'dan emendati skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness I tad-Deċiżjoni Nru 2004/211/KE huwa emendat skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Id-Deċiżjoni 92/260/KEE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Anness I, il-Grupp Sanitarju D jinbidel b'li ġej:

"**Grupp Sanitarju D** [1]

L-Arġentina (AR), Barbados (BB), Bermuda (BM), il-Bolivja (BO), il-Brażil [3] (BR), iċ-Ċile (CL), il-Kosta Rika [3] (CR), Kuba (CU), il-Ġamajka (JM), il-Messiku [3] (MX), il-Perù [3] (PE), il-Paragwaj (PY), l-Urugwaj (UY)".

(2) Fl-Anness II(D), it-Taqsima III taċ-ċertifikat tas-saħħa, jiżdied it-test li ġej:

"(m) Iż-żiemel reġistrat mill-Kosta Rika [1] li għandu jiġi ammess b'mod temporanju fl-Unjoni Ewropea skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/501/UE (*) sabiex jipparteċipa fil-Kompetizzjoni Ekwestri Dinjija fi Franza fl-2014, kien suġġett għal

(i) test tal-inibizzjoni tal-emoagglutinazzjoni għall-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela f'żewġ okkażjonijiet, b'intervall ta' 21 jum bejn iż-żewġ testijiet inmwettqa fl-istess laboratorju, bit-tieni test isir obbligatorjament tul l-10 ijiem qabel ir-rilaxx fi … [5] u fi … [5], mingħajr żieda fl-għadd ta' antikorpi, jekk ikun tlaqqam kontra l-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela iktar minn sitt xhur qabel [4];

(ii) test RT-PCR (*reverse transcription-polymerase chain reaction*) biex jinstab il-ġenom tal-vajrus tal-enċefalomjelite ekwina tal-Venezwela, li jsir b'riżultat negattiv fuq kampjun meħud fi żmien 48 siegħa qabel il-bgħit, fi … [5];

(iii) protezzjoni minn attaki vetturi mill-mument tal-kampjunar RT-PCR sat-tagħbija għall-bgħit, b'użu kkombinat ta' repellenti tal-insetti u insettiċidi fuq iż-żiemel u diżinsettizzazzjoni tal-ssitall u l-mezz li fiha tiġi ttrasportata.

(*) ĠU L 222, 26.7.2014, p 16"

ANNESS II

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2004/211/KE huwa emendat kif ġej:

(1) ir-ringiela għall-Brażil tinbidel b'li ġej:

"BR	Il-Brażil	BR-0	Il-pajjiż kollu	D	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—"
		BR-1	L-Istati ta': Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Mato Grosso do Sul, Goiás, Distrito Federal, Rio de Janeiro	D	X	X	X	—	—	—	—	—	—	

(2) ir-ringiela għall-Kosta Rika tinbidel b'li ġej:

"CR	Il-Kosta Rika	CR-0	Il-pajjiż kollu	D	—	—	—	—	—	—	—	—	—	
		CR-1	Iż-żona Metropolitana ta' San José	D	—	X	—	—	—	—	—	—	—	
		CR-2	Iż-żona Metropolitana ta' San José	D	X	—	—	—	—	—	—	—	—	Esklussivament għal żwiemel ikkwalifikati għall-Kompetizzjoni Ekwestri Dinjija fi Franza. Validu sal-15 ta' Ottubru 2014"